# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 25 ta' Ottubru, 2023.**

**Numru 19**

**Rikors numru 31/22/1 CFS**

**Ramon Fenech**

**v.**

**L-Avukat tal-Istat**

1. Din is-sentenza titratta l-appell tal-attur mis-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla tat-28 ta' Ottubru 2022, li biha laqgħet l-eċċezzjoni preliminari tal-avukat tal-Istat li l-attur naqas milli jeżawrixxi r-rimedju ordinarju u għalhekk għażlet li ma twettaqx is-setgħat tagħha biex tqis l-ilment tar-rikorrenti fil-meritu.

2. Il-kwistjoni hi dwar stqarrija li l-attur ta lill-pulizija fis-17 ta' Mejju 2009, li matulha ma kienx assistit minn avukat ta' fiduċja tiegħu. Stqarrija

li hi prova fil-proċeduri kriminali li ttieħdu kontra l-attur dwar traffikar ta' droga *ecstasy*. L-attur isostni li l-fatt li ma kienx preżenti avukat waqt it-tieni stqarrija, iwassal għall-ksur tal-jedd fundamentali għal smigħ xieraq fil-ġuri li għad irid isir quddiem il-Qorti Kriminali. Jirriżulta li dik kienet waħda minn żewġ stqarrijet li l-attur ta lill-pulizija. Fir-rigward tal-ewwel stqarrija li saret fit-2 ta' Awwissu 2005, kien ta eċċezzjoni preliminari wara li nħareġ l-att tal-akkuża 17/2014 fl-ismijiet ir-Repubblika ta' Malta v. Ramon Fenech fejn argumenta li dik l-istqarrija kienet inammissibbli għaliex ittieħdet mingħajr l-assistenza ta' avukat. It-tieni stqarrija ma ssemmitx.

3. B'rikors preżentat fit-18 ta' Jannar 2022, l-attur talab:

> *"i. Tiddikjara li l-esponent sofra, qiegħed isofri jew x'aktarx ser isofri leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq kif protett bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta peress, illi l-istqarrija meħuda minnu nhar is-17 ta' Mejju, 2009 ttieħdet mingħajr ma ngħata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat waqt l-interrogatorju tiegħu;*
>
> *ii. Tordna li l-istqarrija rilaxxata minnu mingħajr ma ġie mogħti d-dritt li jikkonsulta ma' avukat tiġi ddikjarata inammissibbli u konsegwentement tiġi estromessa mill-inkartament tal-provi kontra l-esponent b'dan li ma għandu jsir l-ebda referenza għaliha waqt il-kors tal-ġuri; jew*
>
> *iii. Tieħu dawk il-provvedimenti u takkorda dawk ir-rimedji effettivi u xierqa fiċ-ċirkostanzi sabiex jiġu salvagwardjati d-drittijiet fundamentali tal-esponent;"*

4. Fit-tweġiba preżentata fil-11 ta' Frar 2022, l-Avukat tal-Istat wieġeb *inter alia*:

> *"....*

*3. Illi qabel xejn, għandhomm jissemmew fatti pertinenti li r-rikorrent għażel li mkien ma jsemmi fir-rikors promotur. Permezz tal-att ta' akkuża 17/2014 ir-rikorrent ġie akkużat b'reati konnessi mad-droga fis-sena 2005. Permezz ta' nota tal-eċċezzjonijiet imressqa fit-22 ta' Ottubru 2014, ir-rikorrent eċċepixxa inter alia l-inammissibilita' tal-ewwel stqarrija tiegħu, rilaxxata minnu fit-2 ta' Awwissu 2005. Għal raġunijiet li jaf hu biss, ir-rikorrent ma ressaq ebda eċċezzjoni fir-rigward tat-tieni stqarrija tiegħu, dik rilaxxata fis-17 ta' Mejju 2009, il-meritu ta' dawn il-proċeduri, minkejja li kienet ingħatat fl-istess qafas legali. Għal kull buon fini, dwar dik l-ewwel stqarrija għandu jingħad li permezz ta' sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fit-2 ta' Ġunju 2016, kif konfermata mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali mogħtija fit-23 ta' Frar 2017, ġie ordnat li l-istqarrija kellha, 'tiġi skartata bħala prova u għalhekk għandha titneħħa mill-atti u kwindi ma ssirx referenza għaliha matul il-kors tal-ġuri.*

*4.Illi tenut dan, m'għandux ikun wisq sorprendenti li t-talba tar-rikorrent biex iressaq eċċezzjoni ulterjuri ġiet miċħuda bil-Qorti Kriminali tosserva ff'idgriet mogħti nhar il-15 ta' Diċembru, 2021 li.......*

*5.Illi dan kollu premess, din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex isservi ta' qorti ta' appell għad-deċiżjonijiet ta' qrati oħra bħalma jidher li qed jittenta r-rikorrent fil-każ odjern".*

5. B'sentenza li ngħatat fit-28 ta' Ottubru 2022, l-Ewwel Qorti ddeċidiet hekk:

*"Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-qorti qiegħda **<u>tilqa</u>**' l-eċċezzjonijiet preliminari tal-Avukat tal-Istat li ladarba Ramon Fenech ma attakkax fil-ħin it-tieni stqarrija skont il-liġi kriminali, bħalma għamel fil-każ tal-ewwel stqarrija u ladarba din il-qorti qiegħda taqbel ukoll mad-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali tal-15 ta' Diċembru, 2021 li ma aċċettatx li huwa jitħalla jressaq eċċezzjoni preliminari b'mod tardiv, allura hemm raġunijiet biżżejjed biex din il-qorti tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha biex tqis l-ilmenti tar-rikorrent fil-mertu".*

6. L-Ewwel Qorti, wara li għamlet referenza għall-ġurisprudenza, irraġunat hekk:

*"30. Tassew ir-regola li trid, li min idur għar-rimedju straordinarju għandu qabel ifittex ir-rimedji ordinarji kollha, ma hix xi regola teknika ta' applikazzjoni awtomatika. Il-qorti għandha diskrezzjoni biex tara jekk, fiċ-ċirkostanzi, ir-rimedju ordinarju kienx ikun biżżejjed għall-ħarsien tad-drittijiet fondamentali; ħalli b'hekk ma jsirx rikors għar-*

*rimedji straordinarji, meta dawk ordinarji kienu jkunu biżżejjed. Ma hemm ebda ħtieġa, iżda, illi r-rikorrent ikun ħela ħin u spejjeż fi proċeduri li x'aktarx ma jagħtuhx rimedju tajjeb (ara Evelyn Montebello et v. L-Avukat Ġenerali et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' Lulju, 2018 u Louis Apap Bologna v. Avukat Ġenerali et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fid-29 ta' Marzu, 2019); jew meta l-possibbiltà li jingħata rimedju taħt il-liġi ordinarja tkun waħda remota (ara Joseph Bartolo v. Onorevoli Prim Ministru deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-2 ta' Diċembru, 2002, John Mattei et v. L-Awtorità tad-Djar et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru, 2018 u Glen James Scott v. L-Onorevoli Prim Ministru et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta' Jannar, 2022);*

*31.Imħaddma dawn il-prinċipji għall-każ tagħna, il-qorti mingħajr wisq tidwir mal-lewża, tqis li l-Avukat tal-Istat għandu raġun biex ibiegħ meta jgħid li jekk Ramon Fenech ried jikkontesta t-tieni stqarrija tiegħu tas-17 ta' Mejju, 2009, huwa messu ressaq eċċezzjoni preliminari fil-ħin quddiem il-Qorti Kriminali, bħalma għamel dwar l-ewwel stqarrija tiegħu tat-2 ta' Awwissu, 2005;*

*32.Skont l-artikolu 438(2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-eċċezzjonijiet preliminari li għandhom x'jaqsmu mas-siwi tal-provi jeħtieġ li jitressqu mill-akkużat quddiem il-Qorti Kriminali sa mhux aktar tard minn ħmistax-il jum tax-xogħol mid-data tan-notifika lilu tal-att ta' akkuża. Mhux possibbli għall-akkużat li jressaq eċċezzjonijiet preliminari oħra wara dan it-terminu, sakemm il-Qorti Kriminali ma tawtorizzahx biex iressaqhom skont il-proviso tal-artikolu 449(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, minħabba li dawn l-eċċezzjonijiet jkunu nqalgħu wara li jkunu laħqu għaddew il-ħmistax-il jum tax-xogħol imsemmija fl-artikolu 438(2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*33.Sewwasew f'dan il-każ, il-Qorti Kriminali mxiet sew meta bid-deċiżjoni tagħha tal-15 ta' Diċembru, 2021, hija ma awtorizzatx lil Ramon Fenech biex iressaq eċċezzjoni ġdida biex jattakka s-siwi tat-tieni stqarrija tiegħu mogħtija fis-17 ta' Mejju, 2009;*

*34.Meta fit-22 ta' Ottubru, 2014, Ramon Fenech ippreżenta n-nota tal-eċċezzjonijiet preliminari tiegħu skont l-artikolu 438(2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, huwa kien jaf bl-eżistenza tal-istqarrija tiegħu mogħtija minnu aktar minn ħames snin qabel. Għalhekk bħalma fin-nota tal-eċċezzjonijiet tiegħu huwa attakka l-ewwel stqarrija tat-2 ta' Awwissu, 2005, huwa messu attakka wkoll it-tieni stqarrija tas-17 ta' Mejju, 2009. Dan aktar u aktar, meta wieħed iqis li r-raġuni għaliex Fenech qiegħed jattakka t-tieni stqarrija tiegħu hija l-istess raġuni għaliex attakka l-ewwel stqarrija, viz. li din ittieħdet bla parir ta' avukat;*

*35.Huwa ċar f'għajnejn il-qorti li l-ħajra ta' Ramon Fenech biex jattakka t-tieni stqarrija tas-17 ta' Mejju, 2009 twieldet wara li l-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha tat-23 ta' Frar, 2017, ikkonfermat id-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali li titneħħa l-ewwel stqarrija*

*tiegħu tat-2 ta' Awwissu, 2005. Kemm hu hekk, ir-rikors taħt il-proviso tal-artikolu 449(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta biex iressaq eċċezzjoni preliminari kontra t-tieni stqarrija sar ftit inqas minn xahar wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali. Dan ir-rikors iżda sar tard wisq għaliex jekk huwa ried li titneħħa t-tieni stqarrija huwa messu ressaq din l-eċċezzjoni fin-nota tat-22 ta' Ottubru, 2014 u mhux b'rikors wara li t-terminu tal-artikolu 438(2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta kien ilu li għalaq b'madwar sentejn u nofs;*

*36.Ir-rimedju tal-eċċezzjonijiet preliminari taħt il-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta kien wieħed disponibbli għal Ramon Fenech u seta' jtih dak li xtaq, viz. li titwarrab it-tieni stqarrija mill-proċess kriminali. Wara kollox hija ġurisprudenza maqbula li rimedju tal-eċċezzjonijiet preliminari quddiem il-qrati kriminali huwa wieħed li huwa xieraq u effettiv (ara Yorgen Fenech v. L-Avukat tal-Istat deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-1 ta' Diċembru, 2021 u Mark sive Marco Paċe v. L-Avukat Ġenerali deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fis-7 ta' April, 2022);*

*37.Sfiq ma' dan, din il-qorti jidhrilha li llum il-ġurnata, anke minħabba żvilupp fil-ġurisprudenza tal-qrati kriminali, akkużati m'għandhomx għalfejn joqgħodu jiftħu kawżi kostituzzjonali jew jitolbu lill-qrati kriminali sabiex issir referenza kostituzzjonali sabiex jitolbu t-tneħħija ta' stqarrijiet mogħtija fl-assenza ta' avukat mill-atti tal-kawża kriminali. It-talba għat-tneħħija tal-istqarrija tista' ssir quddiem il-qrati kriminali stess, li għandhom is-setgħa li jekk jidhrilhom xieraq, li jordnaw it-tneħħija ta' dik l-istqarrija mill-karti tal-kawża kriminali (ara Ir-Repubblika ta' Malta v. Francis Xerri u Ir-Repubblika ta' Malta v. Anthony Buġeja et, it-tnejn deċiżi mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-22 ta' Ġunju, 2022). B'dan il-mod jiġi wkoll evitat dewmien bla bżonn sabiex jintemmu l-proċeduri kriminali;*

*38.Lura għall-każ tagħna, kemm dan ir-rimedju quddiem il-qrati kriminali seta' jkun tajjeb u effettiv joħroġ mill-fatt li l-eċċezzjoni preliminari tiegħu dwar in-nuqqas ta' siwi tal-ewwel stqarrija tiegħu, minħabba li din inġabret mingħajr l-assistenza ta' avukat, ġiet milqugħa mill-Qorti Kriminali b'sentenza tat-2 ta' Ġunju, 2016 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali b'sentenza mogħtija fit-23 ta' Frar, 2017, bir-riżultat li din l-istqarrija ġiet imneħħija mill-atti kriminali;*

*39.Għar-raġunijiet tiegħu, Ramon Fenech iżda ma ressaqx eċċezzjoni preliminari biex jikkontesta wkoll it-tieni stqarrija fit-terminu mogħti lilu bl-artikolu 438(2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan in-nuqqas għandu jġarrbu Ramon Fenech għaliex huwa kien messu nqeda bir-rimedji li tagħtih il-liġi. F'dan ir-rigward hu miżmum li jekk persuna tħalli jgħaddi għalxejn iż-żmien li fih setgħet tagħmel użu tar-rimedju ordinarju, hija ma tistax imbagħad tieħu passi kostituzzjonali bħala rimedju in extremis (ara Domenico Savio sive Savio Spiteri v. Chairman Awtorità tal-Ippjanar et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' Ġunju, 1999 u*

*Michael Borġ v. Onorevoli Prim Ministru et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Ottubru, 2017);*

*40.Għaldaqstant ladarba Ramon Fenech naqas milli juża fil-ħin ir-rimedju ordinarju mogħti lilu taħt l-artikoli 438(2) u 449(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, huwa ma jistax jinqeda b'din il-kawża kostituzzjonali biex jipprova jsewwi dan in-nuqqas tiegħu. Tabilħaqq jekk Ramon Fenech jitħalla jmexxi din il-kawża, l-istitut tal-kawżi kostituzzjonali jibda jiġi abbużat minn kulħadd u fl-istess waqt il-proċeduri ordinarji jiġu mċekkna u mnaqqsa fl-iskop u fil-valur tagħhom;*

*41.Bħala għeluq, il-qorti taqbel ukoll mal-Avukat tal-Istat meta jisħaq li Ramon Fenech ma jistax juża din il-kawża kostituzzjonali bħala forma ta' appell mid-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali mogħtija fil-15 ta' Diċembru, 2021, li ċaħdet it-talba tiegħu biex jitħalla jressaq b'mod tardiv l-eċċezzjoni preliminari tiegħu dwar is-siwi tat-tieni stqarrija. Ħaġa bħal din mhijiex permessa u ma taqax fl-iskop tal-proċeduri kostituzzjonali. Barra minn hekk, kif ingħad aktar kmieni, il-Qorti Kriminali kienet għalkollox siewja meta qalet li ma kienx hemm raġunijiet fejjieda biex tħalli lil Ramon Fenech iressaq b'mod tardiv l-eċċezzjoni tiegħu dwar is-siwi tat-tieni stqarrija tas-17 ta' Mejju, 2005;*

*42.Din il-qorti għalhekk tħoss li huwa xieraq li f'dan il-każ ma tinqediex bis-setgħat mogħtija lilha taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta, ladarba Ramon Fenech ma ħax ħsieb jinqeda kif imiss bir-rimedji li l-liġi kriminali kienet tagħtih biex ineħħi t-tieni stqarrija tiegħu mill-karti tal-proċess kriminali".*

7. B'rikors preżentat fis-16 ta' Novembru 2022, l-attur appella mis-sentenza tal-Ewwel Qorti. L-Avukat tal-Istat wieġeb fit-30 ta' Novembru 2022, u ta r-raġunijiet għalfejn din il-Qorti għandha tiċħad l-appell.

8. Fis-seduta tal-5 ta' Ġunju 2023, saret it-trattazzjoni.

9. Fl-aggravju l-attur argumenta li kien ressaq eċċezzjoni ulterjuri quddiem il-Qorti Kriminali sabiex titneħħa l-istqarrija li kien ta fis-17 ta' Mejju 2009. F'dan ir-rigward għamel referenza għall-Artikolu 449 tal-Kodiċi Kriminali. Kompla li bl-Att numru LI tas-sena 2016 kienet

introduċiet rekwiżiti li għandhom jiġu osservati meta persuna tkun interrogata. L-attur għamel referenza għall-Art. 355AUA tal-Kodiċi Kriminali u argumenta li dak ma kienx l-isfond legali fi żmien meta ressaq l-eċċezzjoni dwar l-ewwel stqarrija. Spjega li llum m'għandu l-ebda rimedju ieħor disponibbli u għalhekk m'għadx għandu rimedju ordinarju sabiex jikkontesta stqarrija li ttieħdet kontra l-liġijiet viġenti llum il-ġurnata. Għalhekk l-Ewwel Qorti ma kellhiex tilqa' l-eċċezzjoni preliminari tal-Avukat tal-Istat. Dan apparti li din il-Qorti kemm-il darba qalet li stqarrija meħuda kontra d-dritt għall-assistenza legali m'għandux isir użu minnha. Filwaqt li fit-tieni stqarrija in kwistjoni ċaħad li qatt biegħ droga jew għadda droga lil ħaddieħor, fiha tweġibiet li jistgħu jintużaw kontrih waqt il-ġuri. Tweġibiet li huma prova u saru b'strateġija sabiex issaħħaħ l-investigazzjoni kontra s-suspettat bil-ħsieb li jsaħħaħ il-każ tal-prosekuzzjoni. Għalhekk jekk titħalla fil-proċess ser tikkawża preġudizzju lill-attur.

10. L-eżerċizzju li jrid isir minn din il-Qorti hu li tistħarreġ jekk l-Ewwel Qorti kinitx ġustifikata li tikkonkludi li l-attur naqas milli jagħmel użu mir-rimedji ordinarji.

11. Il-provi juru li l-attur ta żewġ stqarrijiet, waħda fit-2 ta' Awwissu 2005, u oħra fis-17 ta' Mejju 2009. Stqarrijiet li saru mingħajr il-preżenza ta' avukat ta' fiduċja tal-attur ġialadarba f'dak iż-żmien il-liġi ma kinitx

tipprovdi għal dik il-possibilità. Wara li nħareġ l-att ta' akkuża kontra l-attur, fit-22 ta' Ottubru 2014, ressaq *inter alia* l-eċċezzjoni li l-ewwel stqarrija ma kellhiex titqies bħala prova valida f'għajnejn il-liġi minħabba li ttieħdet mingħajr il-preżenza ta' avukat ta' fiduċja tal-attur. It-tieni stqarrija ma ssemmitx fl-eċċezzjoni.

12. L-ewwel stqarrija ġiet dikjarata inammissibbli b'sentenza tal-Qorti Kriminali tat-2 ta' Ġunju 2016, minħabba li l-attur ma kienx assistit minn avukat waqt l-interrogatorju. Għalkemm l-Avukat Ġenerali appella, b'sentenza tat-23 ta' Frar 2017, l-appell ġie miċħud.

13. Imbagħad kien fil-21 ta' Marzu 2017, li l-attur talab lill-Qorti Kriminali sabiex iressaq eċċezzjoni ulterjuri *ai termini* tal-Art. 449(1) tal-Kodiċi Kriminali, fir-rigward tat-tieni stqarrija. B'deċiżjoni tal-15 ta' Diċembru 2021, il-Qorti Kriminali ċaħdet it-talba peress li l-eċċezzjoni ma tressqitx fit-terminu li jissemma fl-Art. 438(2) tal-Kodiċi Kriminali. Dan apparti li qalet ukoll li t-talba saret bla bżonn għaliex fiha ma kien hemm xejn li seta' jitfa' xi ħtija kriminali fuq l-attur.

14. Evidenti li kienet għażla tal-attur li fl-eċċezzjonijiet preliminari ma jinkludix it-tieni stqarrija tas-17 ta' Mejju 2009. Fir-rikors tal-appell l-attur argumenta li t-tieni stqarrija fiha tweġibiet li *"3.18..... ċertament jistgħu*

*jintużaw kontra l-appellant mill-avversur tiegħu waqt il-ġuri".* Mela iktar u iktar l-attur kellu jinkludi t-tieni stqarrija fl-eċċezzjoni preliminari.

15. Kien biss wara s-sentenza li ngħatat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-23 ta' Frar 2017, li l-attur għażel li jagħmel l-istess argument u talab li jressaq eċċezzjoni ulterjuri. Fl-istess waqt ma jirriżultax li ta raġuni li tista' tiġġustifika n-nuqqas tiegħu li jinkludi l-istqarrija tas-17 ta' Mejju 2009, fl-eċċezzjonijiet li ppreżenta għall-att ta' akkuża. Quddiem il-Qorti Kriminali argumenta li ma inkludiex it-tieni stqarrija għaliex ma kienx għadu vulnerabbli meta għamel it-tieni stqarrija. Fid-deċiżjoni li ngħatat fil-15 ta' Diċembru 2021, dan il-punt ġie kkunsidrat tant li dik il-qorti qalet li meta saret l-ewwel stqarrija l-attur kellu 21 sena filwaqt li fit-tieni stqarrija kellu 25 sena. Qalet ukoll li matul l-istqarrijiet ma kien ġie reġistrat ebda fattur li jirrendi lill-akkużat partikolarment vulnerabbli. Evidenti li ma sarux argumenti li jistgħu jikkonvinċu Qorti li meta għamel l-ewwel stqarrija kien vulnerabbli filwaqt li fit-tieni stqarrija ma baqax vulnerabbli. Il-Qorti tfakkar li proċeduri ta' din ix-xorta m'għandhomx iservu bħala appell minn deċiżjoni ta' qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali.

16. Waqt it-trattazzjoni quddiem din il-Qorti , id-difensur tal-attur argumenta li kienet deċiżjoni strateġika tal-attur li jinkludi biss l-ewwel stqarrija fl-eċċezzjoni preliminari. Iktar u iktar l-attur ma jistax jipprova jieħu vantaġġ min-nuqqas tiegħu stess. Fiż-żmien rilevanti, ċjoè meta

ngħatat l-eċċezzjoni preliminari, l-argument tal-attur kien li ladarba l-ewwel stqarrija (li fiha tweġibiet li jinkriminaw lill-attur) ingħatat mhux fil-preżenza ta' avukat ta' fiduċja tal-attur, ma kellhiex tintuża bħala prova kontrieh. Argument li daqstant ieħor seta' jagħmel fir-rigward tat-tieni stqarrija, u dan irrispettivament minn dak li kienet tgħid il-ġurisprudenza lokali u tal-Qorti Ewropea.

17. Il-fatt li r-rimedju ordinarju li kellu għad-dispożizzjoni tiegħu ma jistax jeżerċitah iktar, ma jfissirx li l-Ewwel Qorti kellha tiċħad l-eċċezzjoni preliminari. Il-proviso ta' Art. 46(1) tal-Kostituzzjoni hu ċar:

> *"Iżda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra".*

18. L-istess proviso insibuh f'Art. 4(2) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319).

19. Kif l-attur ta l-eċċezzjoni preliminari dwar l-ewwel stqarrija seta' jinkludi t-tieni stqarrija. Ladarba ma inkludiex it-tieni stqarrija ma jistax jilmenta li l-Qorti Kriminali u l-Qorti tal-Appell Kriminali ma daħlux f'dik il-kwistjoni. Dawk il-qrati ġustament iddeċidew l-eċċezzjoni li ta l-attur.

20. Ir-referenza li għamel l-attur għas-sentenza <u>Morgan Onuorah v. L-Avukat tal-Istat</u> tas-27 ta' Jannar 2021, mhijiex ta' konfort. Il-fatti kif ġraw

f'dak il-każ kienu differenti minn dak tal-lum. Differenti wkoll kienu l-eċċezzjonijiet li ta l-Avukat tal-Istat u li a bażi tagħhom il-Qorti ċaħdet it-talbiet tal-attur fil-meritu.

21. Kien fid-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti li tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha ġialadarba hu ċar li l-attur kellu disponibbli mezz xieraq ta' rimedju. Rimedju li kien joħroġ mil-liġi ordinarja kieku fl-eċċezzjoni preliminari inkluda t-tieni stqarrija. Rimedju li altru milli kien effettiv kif turi s-sentenza li tat il-Qorti Kriminali fit-2 ta' Ġunju 2016. L-għażla kienet tal-attur li fl-eċċezzjoni preliminari ma jinkludix it-tieni stqarrija meritu tal-kawża tal-lum. Mela *imputet sibi* u issa l-attur ma jistax jilmenta mill-fatt li l-Ewwel Qorti għażlet li tirrifjuta s-setgħat tagħha skont l-imsemmi proviso. Jekk kif argument l-attur *"3.13.... ma għadx hemm disponibbli mezzi ordinarji sabiex jikkontesta, del resto, stqarrija meħuda kontra l-liġijiet viġenti illum il-ġurnata"*, hi minħabba nuqqas tiegħu u ta ħadd iktar.

<u>Deċiżjoni</u>.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra l-attur. Peress li tqis li l-appell hu fieragħ tikkundanna lill-attur iħallas l-ispejjeż għal darbtejn (Art. 223(4) tal-Kap. 12).

Kopja awtentika ta' din is-sentenza għandha tintbagħat minnufih lill-Qorti tal-Kriminali li quddiemha qiegħda l-kawża r-Repubblika ta' Malta v. Ramon Fenech.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da